KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Numru 17** **It-Tlieta 22 ta' Lulju 2025**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:05pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Thomas De Martino – Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis- 18:25pm)
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier (daħlet għal- laqgħa fis- 18:07pm)
Maria Pia Bonnici – Kunsillier (daħlet għal- laqgħa fis- 18:26pm)
Chris Grech – Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis- 18:10pm)
Rachel Abela – Kunsillier
Andre Buhagiar- Kunsillier (baqa fil- laqgħa sas- 19:30pm)

**ASSENTI b' APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Anthony Agius Decelis – Kunsillier (Minority Leader)

**ASSENTI:**
Nil.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr illi rċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Minority leader Anthony Agius Decelis. It-talba ta' skuża ġiet milqugħa mill-Kunsilliera preżenti nem. con.

**17.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 16**

17.2.1 Korrezzjonijiet mill- Minuti numru 16

Il-Minuti numru 16 kienu approvati mill-Kunsillieri preżenti nem. con. mingħajr korrezzjonijiet jew emendi.

**17.2.2 Aġġornamenti mill- Minuti numru 16**

14.5.1.1 Tender għat- tiżjin tal- Milied

Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li t-tender għat-tiżjin tal-Milied għall-2025 issa qiegħed uffiċjalment imtella' fuq is-sistema elettronika tal-Gvern għall-proċessi ta' tendenzi (EPPS). Huwa spjega li dan jirrappreżenta l-pass finali fil-proċess tat-tħejjija u l-pubblikazzjoni tiegħu.

It-tender għandu bħala data ta' għeluq il-5 t'Awwissu 2025, li jfisser kulmin hu interessat għandu jissottometti l-offerti tagħhom sa mhux aktar tard minn din id-data. Wara l-għeluq, il-proċess ta' evalwazzjoni mill-Bord tat-Tenders se jitkompla sabiex isir ir-rakkomandazzjonijiet meħtieġa għall-approvazzjoni finali mill-Kunsill.

**14.5.1.2 Parks and Gardens tender**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li saret laqgħa bejn hu stess, is-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsillier Grech u l-Kunsillier Demartino flimkien mal-kuntrattur attwali responsabbli mix-xogħol tal-ġardinaġġ.

Matul din il-laqgħa, intlaħaq ftehim dwar prezz proviżorju sabiex ix-xogħol li hu meqjus bħala barra mit-tender eżistenti ikompli jitwettaq sakemm jinħareġ tender ġdid u jkun ingaġġat kuntrattur permezz ta' dan it-tender aġġornat. L-ispiża li ġiet stabbilita għal dan ix-xogħol hija ta' €7,500 fix-xahar.

Il-Kunsillier Grech staqsa wkoll dwar is-sitwazzjoni tal-pjanti li mietu, u jekk hux ser isir sostituzzjoni ta' dawn il-pjanti skont kif kien miftiehem.

Barra minn hekk, ġie mfisser li l-manutenzjoni u t-tisqija tal-Pjazza se jkunu taħt ir-responsabbiltà ta' Ambjent Malta sakemm il-Kunsill jikkonkludi l-proċess ta' għoti ta' kuntratt ġdid permezz tat-tender il-ġdid.

**16.3.4 Aġġornament – Proġett M4.3**

Is-Sindku semma l-proġett M4.3 dwar it-titjib tat-toroq rurali, fejn kien diġà maqbul li ser issir triq li tgħaqqad Pantar ma' Durumblat.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa dwar l-aġġornamenti fuq dan il-proġett, billi fakkar li l-aħħar komunikazzjoni kienet bejn hu stess u s-Sinjura Hanan Elkhatib minn MFI, fejn ġie infurmat li Infrastructure Malta kienet bagħtet il-ftehim lill-Kunsill Lokali Mosta biex jiġi approvat u ffirmat. Madankollu, sa issa dan il-ftehim għadu ma wasalx fl-uffiċċji tal-Kunsill.

Għalhekk, saret talba biex jingħata aġġornament dwar il-progress ta' dan il-proġett, sabiex il-Kunsill ikun jista' japprova l-ftehim u l-ħidma tiġi assenjata kif xieraq.

## 17.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku

### 17.3.1 Aġġornamenti – Pjazza Torri u tal-Qares

Is-Sindku ta' aġġornament lill-membri tal-Kunsill li fiż-żona ta' Tal-Qares ser isir tħawwil ta' siġar ġodda mill-Public Works Department. Barra minn hekk, huwa informa wkoll li f'Pjazza Torri se jsiru xogħlijiet relatati mat-tħawwil ta' veġetazzjoni minn dan l-istess dipartiment.

### 17.3.2 Pjazza Bus Shelter MOU

Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-Memorandum of Understanding (MOU) dwar il-bus shelter li ser jitpoġġa fil-Pjazza, il-Kunsill ma jixtieqx li jagħmel l-assigurazzjoni tiegħu. Dan għaliex il-bus shelter qiegħed jiġi pprovdut b'xejn, u għaldaqstant ir-responsabbiltà għall-assigurazzjoni għandha tkun fuq min qed jiffirma l-MOU u qed jirreklama fuq il-bus shelter.

## 17.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 17.4.1 Viċi Sindku – Fondi tar- Reġjun għal- attivitajiet Kulturali

Il-Viċi Sindku spjega li ġew sottomessi diversi talbiet minn għaqdiet lokali sabiex jiġu ffinanzjati mill-Fond tar-Reġjun proġetti relatati mal-festa u l-kommemorazzjoni tal-inkurunazzjoni. Wara diskussjoni dwar il-proposti u l-benefiċċju tagħhom għall-komunità Mostija, il-Kunsill approva unanimament it-talbiet li ġejjin, li kollha għandhom jitqiesu bħala parti mill-attivitajiet kulturali organizzati sabiex jitfakkar l-anniversarju tal-inkurunazzjoni:

1. Soċjetà Piroteknika 15 ta' Awwissu – Fondi sa massimu ta' €1,000 (VAT inkluż) sabiex jitwettaq 3D mapping li jfakkar il-ġrajja tal-inkurunazzjoni, li ser isir fil-14 ta' Awwissu 2025.
2. Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta) – Fondi sa massimu ta' €1,000 (VAT inkluż) għal feature kommemorattiv relatat mal-inkurunazzjoni, li ser isir fil-12 ta' Awwissu 2025.
3. Soċjetà Filarmonika Nicolo Isouard – Fondi sa massimu ta' €1,000 (VAT inkluż) għal feature li jfakkar il-ġrajja tal-inkurunazzjoni, li ser isir fil-10 ta' Awwissu 2025.
4. Mosta Rotunda Foundation – Fondi sa massimu ta' €4,000 (VAT inkluż) għall-organizzazzjoni tal-kunċert tat-2 ta' Awwissu 2025.

Il-Kunsill qabel li, sabiex tiġi ffaċilitata l-proċedura, issir talba unika mill-Kunsill Lokali tal-Mosta lir-Reġjun li tinkludi dawn l-inizjattivi kollha flimkien. L-approvazzjoni saret nem. con., b'qbil sħiħ mill-membri preżenti.

**17.4.2 Michaela Bayliss – Qargħasel u MTA**

Il-Kunsilliera Bayliss irrappurtat li rnexxielha takkwista €2,000 f'finanzjament addizzjonali mingħand l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta (MTA), li se jintużaw għall-inizjattiva u attivita "Qargħasel".

**17.5 Rapporti**

**17.4.3 Onoreficċenza Ġieħ il-Mosta- Proċeduri u Regoli**

Il-Kunsill approva diversi emendi fil-proċess tal-applikazzjonijiet għall-Ġieħ, fosthom li: (i) l-individwu jew għaqda li jkun innominat b'applikazzjoni valida ma jistax jiġi nnominat għal sena konsekuttiva ta' wara, (ii) żieda ta' "formola diġitali" fil-Punt K, kif ukoll (iii) l-inklużjoni ta' "kaxxa ssiġillata u formoli diġitali" f' Punt M. Il-Kunsill approva wkoll li l-pubblikazzjoni tal-avviż issir fit-18 ta' Awwissu 2025, b'data ta' għeluq għall-applikazzjonijiet fid-29 ta' Awwissu 2025 f'nofsinhar.

**17.4.4 Management /Reply to Management Letter**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fil-Management Letter għall-2024 l-awdituri indikaw diversi punti li jeħtieġu aktar attenzjoni. Fosthom, ġie nnotat in-nuqqas ta' Fixed Assets Register aġġornat, li għandu jitħejja sabiex isir monitoraġġ preċiż tal-assi tal-Kunsill. Barra minn hekk, ġew irrimarkati xi żbalji fl-inputting u fil-classification ta' ċerti accounting entries, li dawn ġew aġġustati kif meħtieġ. Saru wkoll kjarifikazzjonijiet fuq ir- "refundable deposits" u fuq ċerti ammonti irreġistrati bħala "bad debt". F'dan l-aħħar każ, il-Kunsill qabel li qabel ma ssir xi konferma jew rikarika, dawn jiġu diskussi mal-accountant tal-Kunsill sabiex tiġi ċċarata n-natura tagħhom u jittieħdu d-deċiżjonijiet finali.

**17.4.5 Tender Upkeep & Maintenance of Pedestrian Streets & Ancillary Works**

It- Tender fis- suġġett kien iċċirkolat mal-Kunsillieri ħdax il- ġurnata qabel il- laqgħa għall-kummenti u *feedback*. Is-Segretarju Eżekuttiv ma rċieva ebda kummenti mingħand il-Kunsillieri fil-ġranet ta' qabel il- laqgħa. Il- Viċi Sindku stqarr illi d- dokument tat- tenders fih xi nuqqasijiet u żbalji u jridu jiġu emendati qabel dan ma jista jiġi ppublikat. Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv ser jerġa jikkonsulta mal-konsulent tat-tenders sabiex dawn in-nuqqasijiet ikunu indirizzati u jerġa jitressaq quddiem il- Kunsill

**17.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**17.6.1 Skeda tal-Pagamenti**

l- Iskeda ta' Pagamenti numru 163 kienet approvata nem. con.

**17.6.2 Purchase Orders**

Il- lista ta' Purchase Orders ippreżentata kienet approvata nem. con.

**17.6.3 Works Orders**

Il- lista ta' Works Orders ippreżentata kienet approvata nem. con

**17.6.4 Petty Cash**

Il- lista ta' Petty Cash ippreżentata kienet approvata nem. con.

**17.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduti li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet uffiċjalment fis-19:50 p.m. Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti li l-Laqgħa Numru 18 tal-Kunsill Lokali se ssir nhar it-Tlieta, 26 t' Awwissu 2025, fl- uffiċini tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Gatt | Jeremy Bartolo |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |